**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 23

Citazzjoni Numru 1105/01 GC

Fl-ismijiet:-

O.K. Limited

vs

Noel's Household Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta' ghamlet diversi konsenji ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta f'diversi dati u dan fuq ordni u ghall-beneficcju ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Illi l-ahhar konsenja ta' tali merkanzija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvneuta saret fit-13 ta' Jannar 2000.

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat'elef mitejnu tnejn u erbghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm4242.34) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija hekk mibjugha u kkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici;

Illi nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha Adrian Stivala kkonferma bil-gurament tieghu illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba ghas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talbet lis-socjeta' konvenuta thid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef mitejnu tnejn u erbghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm4242.34) dovuti lis-socjeta' attrici kif hawn fuq jinghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta-konsult (Lm10), ta' l-ittra interpellatorja, datata t-18 ta' April 2001 u notifikata lis-socjeta' konvenuta fil-25 ta' April 2001 (Dok B) u dawk tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Jannar 2000 u cioe' mid-data ta' l-ahhar konsenja tal-merkanzija, sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur